# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru : 492/2014/JPG**
**Kawza Numru: 17**

**Europrosan SpA VA181251**

**VS**

**Sarrebico Medical Supplies Limited (C16017)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tal-5 ta' Gunju 2014 li jaqra hekk:

1. *Illi s-socjeta esponenti bieghet u kkonsenjat merce lis-socjeta intimata, fuq ordni tal-istess socjeta intimata;*

2. *Illli l-istess merkanzija giet accettata mis-socjeta intimata bhala konformi mal-ispecifikazzjonijiet pattwiti bejn l-istess kontendenti;*

3. *Illi l-prezz ta' din il-merkanzija kien ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,685.14);*

4. *Illi s-socjeta intimata ma ghamlet l-ebda pagament, minkejja li irceviet il-merkanzija minghajr ilment jew rizerva;*

5. *Illi ghalhekk is-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta esponenti fis-somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,585.14);*

6. *Illi dan id-debitu tas-socjeta intimata fil-konfront tar-rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma taghha l -intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;*

7. *Illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat dikjarazzjoni;*

*Tghid l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex :*

1. *Tiddikjara lill-intimata debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,685.14);*

2. *Tikkundanna lill-istess socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmija somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,685.14);*

3. *Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-interessi legali mid-data/i tal-konsenja/i, u bl-ispejjes, komprizi dawk tat-ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2014 u tal-ittra bonarja datata 21 ta' Marzu 2014, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' inibizzjoni pprezentati kontestwalment ma dan ir-rikors, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata Sarrebico Medical Supplies Limited a tenur tal-Artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tat-3 ta’ Lulju 2014 (a fol. 69) li jaqra hekk:

*“Illi s-socjeta' esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha moghti a tenur tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprezenta nota fejn fiha teccepixxi s-segwenti:*

1. *Illi fl-ewwel lok, il-konteggi ma humiex korretti u ma jirriflettux il-prezzijiet pattwiti tal-merce u dan billi dejjem kien hemm prezz miftihem u li mhux rifless fil-kontijiet;*

2. *Illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet li stante li l-gvern kien allega li konsenji ta' dawn il-merce ma kienux skond il-kwalita' pattwita u rrifjuta l-istess, u dwar dan hemm pendenti arbitragg bejn l-awtorita' governattiva u s-socjeta' konvenuta li jgib in-numru 1949/2009 quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg, din tal-ahhar kienet ftehemet mal-attrici li l-ammont reklamat jibqa sospiz sakemm l-artbitragg jigi determinat;*

3. *Illi giet konsenjata merce li m'hijiex tal-kwalita' pattwita u mhabba f'hekk l-awtorita' governattiva kienet irrifjutat il-konsenja u rrixendiet mill-kuntratt b'danni kbar ghas-socjeta' konvenuta u f'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta tirriserva l-posizzjoni taghha in vista tar-rizultanzi arbitrali ghal-liema hemm riferenza fil-paragrafu precedenti;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta’ intimata Sarrebico Medical Supplies Limited (C-16017) tat-18 ta’ Lulju 2014 (a fol. 72 et seq.) li jaqra hekk:

1. ***Dwar il-fatti***

*1.1 Rigward l-ewwel paragrafu m'hemmx kontestazzjoni tal-fatti;*

1.2 *Rigward it-tieni paragrafu tar-rikorrenti, ghandu jigi rilevat li ma huwiex minnu li l-merkanzija kienet konformi mal-ispecifikazzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet fil-kawza fl-ismijiet premessi u s-socjeta' esponenti attwalment rrifjutat din il-merkanzija. Illi in oltre parti minn din il-merkanzija kienet intiza biex tigi kkonsenjata lill-awtoritajiet governattivi wara li l-konvenuti kienu rebhu sejha ghall-offerti. Meta saret il-konsenja, l-awtoritajiet governattivi rritjutaw l-istess konsenja u kkancellaw l-ordni minhabba li ppretendew li l-merkanzija lilhom konsenjata u li kienet gejja mis-socjeta' attrici ma kienetx tal-kwalita' pattwita. Din l-allegazzjoni giet rezistita mis-socjeta' konvenuta li nfurmat b'kollox lis-socjeta' attrici. Billi l-awtoritajiet governattivi baqghu jinsistu fuq il-posizzjoni taghhom, is-socjeta' konvenuta ntavolat proceduri ta' arbitragg ghall-hlas tal-prezz u danni u nfurmat b'dan lis-socjeta' attrici. F'dan il-kuntest intlahaq ftehim bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta li l-ammont in kwistjoni kellu jibqa sospiz sakemm il-proceduri arbitrali jigu decizi u ghalhekk t-talba llum hija wahda intempestiva;*

1.3 *Dwar it-tielet paragrafu tar-rikorrenti l-esponenti tirrileva li l-fatti hemm dikjarati huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt billi l-ammont reklamat ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax -il centezmu **(€250,685.14**) huwa skorret u dana billi fost affarijiet ohra, r-rikorrenti dejjem qablu fuq skont li kellu jinghata fuq il-fatturi ta' bejniethom ta' circa ghaxra fil-mija (**10%**) u ghaldaqstant semmai, l-ammont reklamat kellu jkun jaqra s-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin elf, disa' mija tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu;*

1.4 *Illi in oltre, l-esponenti jikkontestaw il-fattura li ggib in-numru 941 annessa u mmarkata mar-rikors promotur bhala Dokument'EP9', billi fost affarijiet ohra l-imsemmija fattura tikkoncerna merkanzija konsenjata bhala kampjuni u dawn qatt ma kienu jkunu mibghuta kontra pagament;*

1.5 *Dwar ir-raba' paragrafu m'hemm l-ebda kontestazzjoni;*

1.6 *Dwar il-paragrafi rimanenti s-socjeta esponenti naturalment tikkontesthom fil-mertu;*

2. ***L-Eccezzjonijiet fil-mertu***

*2.1 Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti teccepixxi li din l-Onorabbli Qorti ghandha qabel xejn tistenna l-ezitu tal-kawza pendenti fl-ismijiet Sarrebico Medical Supplies Limited vs Id- Dipartiment tal-Kuntratti u Ministeru ghal Politika Socjali quddiem il-Tribunal ta!-Arbitragg li ggib in-numru 1949/2009, billi l-mertu ta' dik il-kawza huwa propju jekk l-merkanzija surriferita kienetx tal-kwalita' hekk pattwita;*

*2.2 Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-konteggi ma humiex korretti u ma jirriflettux il-prezzijiet pattwiti tal-merkanzija u dan billi dejjem kien hemm prezz miftihem u li mhux rifless fil-kontijiet;*

3. *Illi fit-tielet lok kien hemm ftehim bejn il-partijiet li stante li l-gvern kien allega li konsenji ta' dawn il-merce ma kienux skond il-kwalita' pattwita u rrifjuta l-istess, u dwar dan hemm pendenti l-arbitragg bejn l-awtorita' governattiva u s-socjeta' konvenuta surriferit, din tal-ahhar kienet ftehemet mal-attrici li l-ammont reklamat jibqa sospiz sakemm l-artbitragg jigi determinat u jigi stabbilit s-sorti tal-merce;*

4. *Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghas-suespost giet konsenjata merce li m'hijiex tal-kwalita' pattwita u mhabba f'hekk l-awtorita' governattiva kienet irritjutat il-konsenja u rrixendiet mill-kuntratt b'danni kbar ghas-socjeta' konvenuta u f'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta tirriserva l-posizzjoni taghha in vista tar-rizultanzi arbitrali ghal-liema hemm riferenza fil-paragrafu precedenti;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessibli fil-ligi jekk ikun il-kaz"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Leonardo Ravanazzi,** prodott mis-socjeta rikorrenti, permezz ta' affidavit a fol 85 – 89, xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Chief Financial Officer* tas-socjeta rikorrent, barra illi jokkupa wkoll il-kariga ta' *Sales Manager* u ghalhekk ikollu kuntatt dirett mal-klijenti, inkluz il-kumpanija intimata.Huwa kien ikollu kuntatt ma' Alexis Sciberras u ma zewg impjegati tas-socjeta' intimata, Carmen u Yvonne. Qal li s-socjetajiet kontendenti hadmu flimkien ghal snin shah u kellhom relazzjoni tajba, hlief ghal fatt li s-socjeta ntimata generalment ma kienetx tonora l-hlasijiet fit-termini miftiehma u s-socjeta rikorrenti kien ikollha tigri warajha ghal hlas.

Qal illi generalment, is-socjeta ntimata kienet tixtri minghand is-socjeta rikorrenti prodotti tal-inkontinenza hafifa u gravi, li l-bicca l-kbira minnhom kienu destinati ghal diversi entitajiet f'Malta. Eventwalment is-socjeta ntimata kienet ukoll bdiet titlob li tigi supplita b'*samples* u dettalji teknici tal-prodotti biex tipprezentahom ghal xi *tender* li tkun ser tippartecipa fih. Spjega li fil-kaz li s-socjeta ntimata kienet tirbah it-*tender*, huma kien jfornuha bil-prodotti rikjesti, minghajr qatt ma dahlu fil-mertu tat-*tender*, peress li qatt ma ppartecipaw direttament fihom. Qal li r-relazzjoni kontrattwali taghhom kienet strettament mas-socjeta ntimata.

Kompla illi s-socjeta ntimta kellha kreditu massimu ta' €200,000, kellha taffetwa l-hlas fi zmien 120 gurnata mid-data tal-fattura, u kienet tgawdi minn skont ta' 5% bhala *commission* fuq il-bejgh, u skont iehor ta' 5% ghall-hlas fi zmien patwit. Spjega li ghalkemm is-socjeta ntimata kwazi dejjem kienet thallas tard, is-socjeta rikorrent xorta kienet taghtiha l-iskont shih, sabiex izomm relazzjoni kummercjali tajba bejniethom u ghaliex is-socjeta ntimata dejjem sahhqet in-neccesita ta' dan minhabba dewmien tal-hlasijiet li kienu jsirulha mill-Ministeru tas-Sahha. Qal wkoll illi s-socjeta rikorrenti dejjem kienet tishaq mas-socjeta ntimata rigward l-importanza li tonora l-*credit terms* koncessi lilha minhabba li s-socjeta rikorrenti kienet taghmel mill-ahjar biex thallas lill-fornituri taghha.

Spjega li l-ordinijiet li kienet taghmel is-socjeta ntimata kienu jigu kkontrollati minnu. Qal li minhabba li kien ikun hemm il-problemi mas-socjeta ntimata biex thallas kontijiet antiki, spiss kien ikollhom ihallu ordni gdida pendenti ghal granet, u xi drabi anke gimghat pendenti l-hlas. Qal li dan kollu kien iqassar iz-zmien ghall-produzzjoni u kien ikollhom jaccelleraw kemm jista' jkun il-produzzjoni biex ikunu jistghu jghinu lis-socjeta ntimata fil-konsenji li kellha taghmel lill-klijenti taghha. Spjega li l-*istandard* ghal produzzjoni huwa gimghatejn, izda kien hemm drabi fejn kienu jipproducu l-ordni tas-socjeta ntimata f'jumejn jew tlieta.

Kompla li r-relazzjoni ta' bejn is-socjetajiet kontendenti giet interrotta f'Awissu tas-sena 2011. F'Gunju tal-istess sena is-socjeta ntimata naqset milli thallas ghal ordni li kien jikomprendi tliet *trailers* shah. Is-socjeta ntimata kienet tghid illi kienet ghada qed tistenna hlas minghand il-Gvern u ghalhekk ma kienetx f'posizzjoni li thallas. F'Awissu is-socjeta ntimata kienet hallset fattura li nharget fi Frar 2011, u minkejja li kien hemm erba' fatturi ohra li kienu ghadhom ma thallsux, is-socjeta rikorrenti xorta wahda ghabbiet zewg *trailers* ghas-socjeta ntimata, wiehed fit-8 ta' Awissu u l-iehor fl-24 ta' Awissu 2011. Pero s-socjeta ntimata ma ghamlet l-ebda pagament iehor. Ghal hafna zmien, is-socjeta ntimata lanqas biss kienet qed tirrispondi l-*emails* li kienu qed jintbaghtu mis-socjeta rikorrenti, izda eventwalment kienet waslet risposta illi ma kienetx hallset ghaliex il-Gvern kien allegatament fetah kawza kontriha ghal xi irregolarita.

Qal li s-socjeta rikorrenti tat lis-socjeta ntimata tliet snin cans biex tirregola ruhha qabel ma bdiet il-proceduri odjerni kontra taghha. Huwa ikkontesta illi l-oggetti mibjugha lis-socjeta ma kienux ta' kwalita tajba u sostna illi s-socjeta rikorrenti ghadha klijentela mifruxa madwa circa erbgha u tletin pajjiz u ilha tgawdi reputazzjoni tajba mal-klijentela taghha ghal aktar minn tletin sena. A fol 89, hemm riportat bhala parti mill-affidavit tieghu, elenku tal-fatturi li ma gewx imhallsa mis-socjeta ntimata.

In kontro-ezami, a fol 112A-C, mistoqsi jekk is-socjeta rikorrenti kienetx giet informata illi *tender* kien gie ikkancellat minhabba li l-prodotta ma kienux ta' kwalita tajba, wiegeb illi f'Settembru 2011 kienu damu hafna jipprovaw jikkuntatjaw lis-socjeta ntimata ghal hlas, u eventwalment, rcievew risposta permezz ta' *email*, illi kien hemm xi problemi rigward it-*tender*. Qal illi s-socjeta rikorrenti kienet ircievet messagg

minghand is-socjeta ntimata, skont liema kien ser ikun hemm *delay* fil-pagament ghaliex il-Gvern kien qed isostni li l-prodotti ma kienux jikkorrispondu ghar-rikjesta li kien ghamel il-Gvern. Mistoqsi jekk is-socjeta ntimata kienet talbet lis-socjeta rikorrenti biex tipprovdi informazzjoni fuq dawn il-prodotti lill-Gvern, wiegeb illi s-socjeta ntimata kienet anzi qaltilhom permezz ta' *email* illi kienet certa mija fil-mija rigward il-kwalita tal-prodotti peress illi kienu ilhom jahdmu flimkien ghal xi hmistax -il sena. Mistoqsi jekk is-socjeta ntimata kienetx baghtet kopja tad-dokument tal-kancellament tat-*tender* lis-socjeta rikorrenti, wiegeb fin-negattiv, ghaliex huma kienu rcievew biss *email* uniku li kien jirrigwarda l-kwalita tal-prodotti.

**Roberto Bovolenta,** prodott mis-socjeta rikorrenti xehed permezz ta' affidavit a fol 98 – 100 illi huwa jahdem bhala *Production* u *Logistic Manager* mas-socjeta rikorrenti u ilu f'din il-kariga ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Huwa kien involut mill-bidu fir-rapport mas-socjeta ntimata u sal-2002 kien jiehu hsieb hu personalment ir-relazzjoni mas-socjeta ntimata. Qal li ta' spiss l-ordinijiet tas-socjeta ntimata kienu jibqghu pendenti sakemm thallas fatturi pendenti, u minhabba f'hekk kien ikun drabi fejn iz-zmien bejn il-bidu tal-produzzjoni u t-taghbija tal-merkanzija kien jiqsar. Qal ukoll illi ghalkemm din ma kienetx in-norma tas-socjeta rikorrenti, kienet jinzamm *stock* ta' merkanzija fl-imhazen minhabba li s-socjeta ntimata kienet taghmel modifiki wara li tkun ghamlet ordni. Kompla li meta ma kienx ikun possibli li jissodisfaw it-talbiet tas-socjeta ntimata minhabba l-ispecifikazzjonijiet tal-prodotti mitluba, kienu jiftehmu maghha rigward l-ahjar soluzzjoni.

Kompla illi meta l-prodott kien jigi inserit fil-magna l-ewwel kien isir *test* tal-kwalita biex jigu ivverifikati certi aspetti macro tal-prodott u imbaghad matul il-gurnata kienu jisru kontrolli ohra ripetutament fuq livell *micro* minn naha tal-laboratorju intern ghall-kontroll tal-kwalita. Il-prodotti kienu jigu kkonsenjati biss jekk il-laboratorju jkun ta l-approvazzjoni mill-lat ta' kwalita. Qal li s-socjeta rikorrenti qatt ma rcievet xi ilment fil-kwalita mis-socjeta ntimata.

**Ikkonsidrat;**

Peress li s-socjeta ntimata ressqet bhala eccezzjoni preliminari talba ghas-soprassesjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina din l-eccezzjoni.

Il-Qorti tosserva illi l-ebda wahda mill-partijiet ma ressqet xi sottomissjoni rigward din l-eccezzjoni. Huwa accettat f'gurisprudenza kopjuza u kostanti illi s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta s-smiegh ta' żewġ kawżi fl-istess waqt ma jkunx jista' jsir. Is-soprasessjoni hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, ghalhekk trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.[1] Tant hu hekk illi l-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-eccezzjoni tas-soprasessjoni, u cioe li l-Qorti tieqaf milli tisma l-kawza bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt quddiem il-qrati li ghandhom l-istess mertu.[2]

Ghalhekk is-sorprassessjoni hija meqjusa fil-gurisprudenza bhala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.[3] Il-provvediment ta' soprassessjoni gie miqjus bhala alejatorju, b'mod illi, minhabba t-termini iebsin tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-smiegh tal-kawzi, jista' jwassal ghad-dezerzjoni tal-kawza mwaqqfa. Ghalhekk is-soprassesjoni ghandha tigi ordnata biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf.[4] Gie ritenut b'mod kostanti wkoll illi l-Qorti m'ghandiex tordna s-soprasessjoni jekk id-dewmien ikun ser jikkawza pregudizzju lill-parti l-ohra.[5]

Illi minn studju ta' din il-gurisprudenza jirrizulta li s-socjeta ntimata kellha tressaq prova illi l-arbitragg msemmi minnha jista' jaghti lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawza. L-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija fis-sens illi gialadarba l-arbitragg jirrigwarda il-kontestazzjoni tal-Gvern rigward il-kwalita tal-prodotti illi hija kienet akkwistat minghand is-socjeta rikorrenti, allura dawn il-proceduri ghandhom jitwaqqfu sabiex jistennew l-ezitu tal-arbitragg.

1 **John Debono et vs Mario u Esmeralda konjugi Buhagiar et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Jannar 2016.
2 Vide per ezempju, **Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et** (sentenza in parte), Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Lulju 2015.
3 **John Debono et vs Mario u Esmeralda konjugi Buhagiar et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Jannar 2016.
4 *Ibid.*
5 **Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Ltd et ,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Marzu 2013; **Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et,** Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali deciza 17 ta' Frar 2015.

Il-Qorti tinnota pero illi minkejja li tressqet din l-eccezzjoni, **ma gew imressqa l-ebda provi in sostenn taghha**. In partikolari ma gewx prodotti l-atti ta' dan l-arbitragg sabiex ikun hemm prova cara u inekwivoka li l-arbitragg jitratta proprju kontestazzjoni tal-kwalita tal-prodotti forniti lil Gvern mis-socjeta ntimata, liema prodotti s-socjeta ntimata kienet akkwistat minghand is-socjeta rikorrenti.

Din l-prova hija krucjali ghal ezitu favorevoli tal-eccezzjoni tas-socjeta ntimata peress illi din il-Qorti tista' tordna s-soprasessjoni <u>**biss**</u> jekk jigi provat illi l-arbitragg msemmi mis-socjeta ntimata jaghti lok għas-soluzzjoni ta’ xi punt li minnu tabilfors tiddependi din il-kawża.

Inoltre il-Qorti tosserva illi anke fl-ezistenza ta' ilment minn naha tal-Gvern illi l-prodotti m'humiex tal-kwalita pattwita, dak l-ilment ma jolqotx il-mertu ta' din il-kawza awtomatikament, ghaliex mhux neccessarjament ifisser illi l-prodotti ma kienux tal-kwalita pattwita bejn s-socjeta rikorrenti lis-socjeta ntimata. Il-mertu ta' din il-kawza huwa l-ftehim ta' bejn is-socjetajiet kontendenti u mhux ta' bejn is-socjeta ntimata u l-Gvern, u ghalhekk, ghalkemm id-decizjoni arbitrali tista' sservi bhala prova f'dawn il-proceduri, ma jidhirx illi necessarjament taghti lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependenti din il-kawza, kif inhu rikjest biex tkun tista' tigi ordnata s-soprasessjoni.

Finalment, huwa relevanti wkoll d-dewmien tal-proceduri arbitrali, li ilhom **pendenti mis-sena 2009**, u cioe ghal kwazi seba' snin. Il-Qorti tqis illi ma jkunx gust ghas-socjeta rikorrenti li tbati konsegwenza ta' dewmien fi proceduri li lanqas biss hi parti minnhom. Independentement mill-proceduri arbitrali pendenti, is-socjeta ntimata setghat tressaq prova f'dawn il-procedura rigward in-nuqqas ta' kwalita pattwita tal-prodotti mibjugha lilha mis-socjeta rikorrenti, u il-Qorti ma giet provduta b’ebda raguni mpellanti li tikkonvinciha li jkun ragionevoli li tistenna l-ezitu tal-proceduri arbitrali.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi m'hemmx lok biex tigi ordnata s-soprasessjoni f'dawn ic-cirkostanzi.

**Ikkonsidrat;**

Fil-mertu is-socjeta ntimata laqghat ghat-talbiet rikorrenti billi eccepiet illi il-konteggi ma kienux korretti peress illi ma jirriflettux l-iskont li kien miftiehem bejn is-socjetajiet kontendenti. Eccepiet ukoll illi l-fattura bin-numru EP9 m'ghandiex tigi mhallsa peress illi tirreferi ghal prodotti li gew mibghuta bhala *samples*.

Rigward il-fattura numru EP9, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija fondata, u dan in vista tal-email datata 17 ta' Mejju 2011 li jinsab a fol 41 tal-process mibghut minn Leonardo Ravanazza illi jaqra ***"Please let me know if it's OK for you and if you will pay at least a part of the cost of the transport (total is Eur 350.00) The samples will be free of charge."*** Permezz ta' email mibghut fl-istess gurnata (Fol 40), is-socjeta ntimata accettat li thallas parti mill-ispiza tat-trasport.

Mill-iskambju ta' komunikazzjoni ma jidhirx pero illi gie stabbilit kif kellu jigi maqsum din l-ispiza. Il-Qorti ghalhekk sejra tiddetermina arbitrio boni viri illi dan l-ammont ghandu jinqasam ugwalment bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti, u ghalhekk mill-fattura numru EP9 a fol 36, ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €175.

Rigward l-iskont msemmi mis-socjeta ntimata, jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti stess, illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien illi s-socjeta ntimata tgawdi minn zewg tipi ta' skontijiet:

1. 5% bhala skont kummercjali; u
2. 5% ghal hlas fil-hin.

Huwa car illi t-tieni skont, u cioe il-5% skont ghal hlas fil-hin ma jistghax jigi applikat minhabba t-tardivita tal-pagament minn naha tas-socjeta ntimata. Il-Qorti tqis li ghandu jigi applikat l-ewwel skont ta' 5% bhala skont kummercjali, gialadarba l-provi juru illi l-applikabilita ta' dan l-iskont ma kienetx tiddependi fuq l-imgieba tas-socjeta ntimata. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont reklamat ghandu jitnaqqas biex jiehu in konsiderazzjoni dan l-iskont.

L-ammont reklamat huwa ta' €250,685.14. Minn dan l-ammont ghandha titnaqqas is-somma ta' €175, kif spjegat aktar il-fuq, u ghalhekk l-ammont reklamat, minghajr l-iskont ghandu jkun ta' €250,510.14. Minn dan ghandu jitnaqqas l-iskont ta' 5%, fis-somma ta' €12,525.50. Ghalhekk l-ammont li jista jkun dovut lis-socjeta rikorrenti f'ezitu favorevoli ta' dawn il-proceduri huwa ta' **€237,984.64.**

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet ukoll illi l-merce kkonsenjata lilha mis-socjeta rikorrenti ma kienetx tal-kwalita pattwita. Is-socjeta ntimata ma tindikax liema mill-fatturi prodotti mis-socjeta rikorrenti jirreferu ghal prodotti li skontha ma kienux tal-kwalita pattwita u dan minkejja illi gew ezebiti tnax -il fattura (eskluz dik tal-prodotti bi prova).

Huwa accettat illi meta l-merce konsenjata ma tkunx tal-kwalita pattwita, dan jimporta inadempiment kontrattwali. Ghalhekk jinkombi fuq ix-xerrej, li jgib prova assikurattiva ta’ tali inadempiment. Jsegwi li jehtieglu jipprova illi kien hemm mankanza tal-kwalita`mweghda rizultanti minn xi ftehim espress jew ghall-anqas dedotta b’ mod implicitu.  Din il-prova ghandha tkun kardinali u dimostrattiva.[6]

Fil-proceduri odjerni, s-socjeta ntimata ma resqet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha. Fil-mori tal-kawza irrizulta li l-avukat difensur tas-socjeta ntimata kien tilef kuntatt maghha, u filfatt il-korrispondenza registrata li kien qed jibghatilha fl-indirizz maghruf minnu ma kienetx qed tigi notifikata. Ghalhekk l-avukat difensur ma kienx f'posizzjoni li jitutela id-difiza tas-socjeta ntimata, kagun l-agir tas-socjeta ntimata stess. In vista tan-nuqqas ta' interess tas-socjeta ntimata f'dawn il-proceduri, li lanqas biss resqet prova wahda sabiex isostni l-eccezzjonijiet taghha, il-Qorti m'ghandha ebda ghazla ohra hlief li tichad din l-eccezzjoni relattiva ghal kwalita tal-merce konsenjata mis-socjeta rikorrenti.

Inoltre, ma tirrizultax provata l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata li kien hemm ftehim li l-hlas tal-merce jibqa' pendenti sakemm ma jigix deciz l-appell, u dan kif jidher mill-ittra mibghuta mis-socjeta rikorrenti li tinsab ezebita a fol 63 tal-process.

---

6 **Dr. Christan Farrugia noe vs George Xuereb noe et,** Qorti tal-Appell Civili deciza 4 ta' Mejju 2005.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti, taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata, tilqa' t-tieni eccezzjoni, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohrajn kollha, u konsegwentement tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tas-socjeta rikorrenti, limitatament ghas-somma ta' €237,984.64, u ghalhekk tikkundana lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' **€237,984.64,** bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru : 492/2014/JPG**
**Kawza Numru: 17**

**Europrosan SpA VA181251**

**VS**

**Sarrebico Medical Supplies Limited (C16017)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tal-5 ta' Gunju 2014 li jaqra hekk:

1. *Illi s-socjeta esponenti bieghet u kkonsenjat merce lis-socjeta intimata, fuq ordni tal-istess socjeta intimata;*

2. *Illli l-istess merkanzija giet accettata mis-socjeta intimata bhala konformi mal-ispecifikazzjonijiet pattwiti bejn l-istess kontendenti;*

3. *Illi l-prezz ta' din il-merkanzija kien ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,685.14);*

4. *Illi s-socjeta intimata ma ghamlet l-ebda pagament, minkejja li irceviet il-merkanzija minghajr ilment jew rizerva;*

5. *Illi ghalhekk is-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta esponenti fis-somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,585.14);*

6. *Illi dan id-debitu tas-socjeta intimata fil-konfront tar-rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma taghha l -intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;*

7. *Illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat dikjarazzjoni;*

*Tghid l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex :*

1. *Tiddikjara lill-intimata debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,685.14);*

2. *Tikkundanna lill-istess socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmija somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€250,685.14);*

3. *Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-interessi legali mid-data/i tal-konsenja/i, u bl-ispejjes, komprizi dawk tat-ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2014 u tal-ittra bonarja datata 21 ta' Marzu 2014, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' inibizzjoni pprezentati kontestwalment ma dan ir-rikors, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat in-nota tas-socjeta' intimata Sarrebico Medical Supplies Limited a tenur tal-Artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tat-3 ta' Lulju 2014 (a fol. 69) li jaqra hekk:

*"Illi s-socjeta' esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha moghti a tenur tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprezenta nota fejn fiha teccepixxi s-segwenti:*

1. *Illi fl-ewwel lok, il-konteggi ma humiex korretti u ma jirriflettux il-prezzijiet pattwiti tal-merce u dan billi dejjem kien hemm prezz miftihem u li mhux rifless fil-kontijiet;*

2. *Illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet li stante li l-gvern kien allega li konsenji ta' dawn il-merce ma kienux skond il-kwalita' pattwita u rrifjuta l-istess, u dwar dan hemm pendenti arbitragg bejn l-awtorita' governattiva u s-socjeta' konvenuta li jgib in-numru 1949/2009 quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg, din tal-ahhar kienet ftehemet mal-attrici li l-ammont reklamat jibqa sospiz sakemm l-artbitragg jigi determinat;*

3. *Illi giet konsenjata merce li m'hijiex tal-kwalita' pattwita u mhabba f'hekk l-awtorita' governattiva kienet irrifjutat il-konsenja u rrixendiet mill-kuntratt b'danni kbar ghas-socjeta' konvenuta u f'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta tirriserva l-posizzjoni taghha in vista tar-rizultanzi arbitrali ghal-liema hemm riferenza fil-paragrafu precedenti;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta' intimata Sarrebico Medical Supplies Limited (C-16017) tat-18 ta' Lulju 2014 (a fol. 72 et seq.) li jaqra hekk:

1. ***Dwar il-fatti***

*1.1 Rigward l-ewwel paragrafu m'hemmx kontestazzjoni tal-fatti;*

1.2 *Rigward it-tieni paragrafu tar-rikorrenti, ghandu jigi rilevat li ma huwiex minnu li l-merkanzija kienet konformi mal-ispecifikazzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet fil-kawza fl-ismijiet premessi u s-socjeta' esponenti attwalment rrifjutat din il-merkanzija. Illi in oltre parti minn din il-merkanzija kienet intiza biex tigi kkonsenjata lill-awtoritajiet governattivi wara li l-konvenuti kienu rebhu sejha ghall-offerti. Meta saret il-konsenja, l-awtoritajiet governattivi rritjutaw l-istess konsenja u kkancellaw l-ordni minhabba li ppretendew li l-merkanzija lilhom konsenjata u li kienet gejja mis-socjeta' attrici ma kienetx tal-kwalita' pattwita. Din l-allegazzjoni giet rezistita mis-socjeta' konvenuta li nfurmat b'kollox lis-socjeta' attrici. Billi l-awtoritajiet governattivi baqghu jinsistu fuq il-posizzjoni taghhom, is-socjeta' konvenuta ntavolat proceduri ta' arbitragg ghall-hlas tal-prezz u danni u nfurmat b'dan lis-socjeta' attrici. F'dan il-kuntest intlahaq ftehim bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta li l-ammont in kwistjoni kellu jibqa sospiz sakemm il-proceduri arbitrali jigu decizi u ghalhekk t-talba llum hija wahda intempestiva;*

1.3 *Dwar it-tielet paragrafu tar-rikorrenti l-esponenti tirrileva li l-fatti hemm dikjarati huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt billi l-ammont reklamat ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u erbatax -il centezmu (**€250,685.14**) huwa skorret u dana billi fost affarijiet ohra, r-rikorrenti dejjem qablu fuq skont li kellu jinghata fuq il-fatturi ta' bejniethom ta' circa ghaxra fil-mija (**10%**) u ghaldaqstant semmai, l-ammont reklamat kellu jkun jaqra s-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin elf, disa' mija tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu;*

1.4 *Illi in oltre, l-esponenti jikkontestaw il-fattura li ggib in-numru 941 annessa u mmarkata mar-rikors promotur bhala Dokument'EP9', billi fost affarijiet ohra l-imsemmija fattura tikkoncerna merkanzija konsenjata bhala kampjuni u dawn qatt ma kienu jkunu mibghuta kontra pagament;*

1.5 *Dwar ir-raba' paragrafu m'hemm l-ebda kontestazzjoni;*

1.6 *Dwar il-paragrafi rimanenti s-socjeta esponenti naturalment tikkontesthom fil-mertu;*

2. ***L-Eccezzjonijiet fil-mertu***

*2.1 Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti teccepixxi li din l-Onorabbli Qorti ghandha qabel xejn tistenna l-ezitu tal-kawza pendenti fl-ismijiet Sarrebico Medical Supplies Limited vs Id- Dipartiment tal-Kuntratti u Ministeru ghal Politika Socjali quddiem il-Tribunal ta!-Arbitragg li ggib in-numru 1949/2009, billi l-mertu ta' dik il-kawza huwa propju jekk l-merkanzija surriferita kienetx tal-kwalita' hekk pattwita;*

*2.2 Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-konteggi ma humiex korretti u ma jirriflettux il-prezzijiet pattwiti tal-merkanzija u dan billi dejjem kien hemm prezz miftihem u li mhux rifless fil-kontijiet;*

3. *Illi fit-tielet lok kien hemm ftehim bejn il-partijiet li stante li l-gvern kien allega li konsenji ta' dawn il-merce ma kienux skond il-kwalita' pattwita u rrifjuta l-istess, u dwar dan hemm pendenti l-arbitragg bejn l-awtorita' governattiva u s-socjeta' konvenuta surriferit, din tal-ahhar kienet ftehemet mal-attrici li l-ammont reklamat jibqa sospiz sakemm l-artbitragg jigi determinat u jigi stabbilit s-sorti tal-merce;*

4. *Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghas-suespost giet konsenjata merce li m'hijiex tal-kwalita' pattwita u mhabba f'hekk l-awtorita' governattiva kienet irritjutat il-konsenja u rrixendiet mill-kuntratt b'danni kbar ghas-socjeta' konvenuta u f'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta tirriserva l-posizzjoni taghha in vista tar-rizultanzi arbitrali ghal-liema hemm riferenza fil-paragrafu precedenti;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessibli fil-ligi jekk ikun il-kaz"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Leonardo Ravanazzi,** prodott mis-socjeta rikorrenti, permezz ta' affidavit a fol 85 – 89, xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Chief Financial Officer* tas-socjeta rikorrent, barra illi jokkupa wkoll il-kariga ta' *Sales Manager* u ghalhekk ikollu kuntatt dirett mal-klijenti, inkluz il-kumpanija intimata.Huwa kien ikollu kuntatt ma' Alexis Sciberras u ma zewg impjegati tas-socjeta' intimata, Carmen u Yvonne. Qal li s-socjetajiet kontendenti hadmu flimkien ghal snin shah u kellhom relazzjoni tajba, hlief ghal fatt li s-socjeta ntimata generalment ma kienetx tonora l-hlasijiet fit-termini miftiehma u s-socjeta rikorrenti kien ikollha tigri warajha ghal hlas.

Qal illi generalment, is-socjeta ntimata kienet tixtri minghand is-socjeta rikorrenti prodotti tal-inkontinenza hafifa u gravi, li l-bicca l-kbira minnhom kienu destinati ghal diversi entitajiet f'Malta. Eventwalment is-socjeta ntimata kienet ukoll bdiet titlob li tigi supplita b'*samples* u dettalji teknici tal-prodotti biex tipprezentahom ghal xi *tender* li tkun ser tippartecipa fih. Spjega li fil-kaz li s-socjeta ntimata kienet tirbah it-*tender*, huma kien jfornuha bil-prodotti rikjesti, minghajr qatt ma dahlu fil-mertu tat-*tender*, peress li qatt ma ppartecipaw direttament fihom. Qal li r-relazzjoni kontrattwali taghhom kienet strettament mas-socjeta ntimata.

Kompla illi s-socjeta ntimta kellha kreditu massimu ta' €200,000, kellha taffetwa l-hlas fi zmien 120 gurnata mid-data tal-fattura, u kienet tgawdi minn skont ta' 5% bhala *commission* fuq il-bejgh, u skont iehor ta' 5% ghall-hlas fi zmien patwit. Spjega li ghalkemm is-socjeta ntimata kwazi dejjem kienet thallas tard, is-socjeta rikorrent xorta kienet taghtiha l-iskont shih, sabiex izomm relazzjoni kummercjali tajba bejniethom u ghaliex is-socjeta ntimata dejjem sahhqet in-neccesita ta' dan minhabba dewmien tal-hlasijiet li kienu jsirulha mill-Ministeru tas-Sahha. Qal wkoll illi s-socjeta rikorrenti dejjem kienet tishaq mas-socjeta ntimata rigward l-importanza li tonora l-*credit terms* koncessi lilha minhabba li s-socjeta rikorrenti kienet taghmel mill-ahjar biex thallas lill-fornituri taghha.

Spjega li l-ordinijiet li kienet taghmel is-socjeta ntimata kienu jigu kkontrollati minnu. Qal li minhabba li kien ikun hemm il-problemi mas-socjeta ntimata biex thallas kontijiet antiki, spiss kien ikollhom ihallu ordni gdida pendenti ghal granet, u xi drabi anke gimghat pendenti l-hlas. Qal li dan kollu kien iqassar iz-zmien ghall-produzzjoni u kien ikollhom jaccelleraw kemm jista' jkun il-produzzjoni biex ikunu jistghu jghinu lis-socjeta ntimata fil-konsenji li kellha taghmel lill-klijenti taghha. Spjega li l-*istandard* ghal produzzjoni huwa gimghatejn, izda kien hemm drabi fejn kienu jipproducu l-ordni tas-socjeta ntimata f'jumejn jew tlieta.

Kompla li r-relazzjoni ta' bejn is-socjetajiet kontendenti giet interrotta f'Awissu tas-sena 2011. F'Gunju tal-istess sena is-socjeta ntimata naqset milli thallas ghal ordni li kien jikomprendi tliet *trailers* shah. Is-socjeta ntimata kienet tghid illi kienet ghada qed tistenna hlas minghand il-Gvern u ghalhekk ma kienetx f'posizzjoni li thallas. F'Awissu is-socjeta ntimata kienet hallset fattura li nharget fi Frar 2011, u minkejja li kien hemm erba' fatturi ohra li kienu ghadhom ma thallsux, is-socjeta rikorrenti xorta wahda ghabbiet zewg *trailers* ghas-socjeta ntimata, wiehed fit-8 ta' Awissu  u l-iehor fl-24 ta' Awissu 2011. Pero s-socjeta ntimata ma ghamlet l-ebda pagament iehor. Ghal hafna zmien, is-socjeta ntimata lanqas biss kienet qed tirrispondi l-*emails* li kienu qed jintbaghtu mis-socjeta rikorrenti, izda eventwalment kienet waslet risposta illi ma kienetx hallset ghaliex il-Gvern kien allegatament fetah kawza kontriha ghal xi irregolarita.

Qal li s-socjeta rikorrenti tat lis-socjeta ntimata tliet snin cans biex tirregola ruhha qabel ma bdiet il-proceduri odjerni kontra taghha. Huwa ikkontesta illi l-oggetti mibjugha lis-socjeta ma kienux ta' kwalita tajba u sostna illi s-socjeta rikorrenti ghadha klijentela mifruxa madwa circa erbgha u tletin pajjiz u  ilha tgawdi reputazzjoni tajba mal-klijentela taghha ghal aktar minn tletin sena. A fol 89, hemm riportat bhala parti mill-affidavit tieghu, elenku tal-fatturi li ma gewx imhallsa mis-socjeta ntimata.

In kontro-ezami, a fol 112A-C, mistoqsi jekk is-socjeta rikorrenti kienetx giet informata illi *tender* kien gie ikkancellat minhabba li l-prodotta ma kienux ta' kwalita tajba, wiegeb illi f'Settembru 2011 kienu damu hafna jipprovaw jikkuntatjaw lis-socjeta ntimata ghal hlas, u eventwalment, rcievew risposta permezz ta' *email*, illi kien hemm xi problemi rigward it-*tender*. Qal illi s-socjeta rikorrenti kienet ircievet messagg

minghand is-socjeta ntimata, skont liema kien ser ikun hemm *delay* fil-pagament ghaliex il-Gvern kien qed isostni li l-prodotti ma kienux jikkorrispondu ghar-rikjesta li kien ghamel il-Gvern. Mistoqsi jekk is-socjeta ntimata kienet talbet lis-socjeta rikorrenti biex tipprovdi informazzjoni fuq dawn il-prodotti lill-Gvern, wiegeb illi s-socjeta ntimata kienet anzi qaltilhom permezz ta' *email* illi kienet certa mija fil-mija rigward il-kwalita tal-prodotti peress illi kienu ilhom jahdmu flimkien ghal xi hmistax -il sena. Mistoqsi jekk is-socjeta ntimata kienetx baghtet kopja tad-dokument tal-kancellament tat-*tender* lis-socjeta rikorrenti, wiegeb fin-negattiv, ghaliex huma kienu rcievew biss *email* uniku li kien jirrigwarda l-kwalita tal-prodotti.

**Roberto Bovolenta,** prodott mis-socjeta rikorrenti xehed permezz ta' affidavit a fol 98 – 100 illi huwa jahdem bhala *Production* u *Logistic Manager* mas-socjeta rikorrenti u ilu f'din il-kariga ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Huwa kien involut mill-bidu fir-rapport mas-socjeta ntimata u sal-2002 kien jiehu hsieb hu personalment ir-relazzjoni mas-socjeta ntimata. Qal li ta' spiss l-ordinijiet tas-socjeta ntimata kienu jibqghu pendenti sakemm thallas fatturi pendenti, u minhabba f'hekk kien ikun drabi fejn iz-zmien bejn il-bidu tal-produzzjoni u t-taghbija tal-merkanzija kien jiqsar. Qal ukoll illi ghalkemm din ma kienetx in-norma tas-socjeta rikorrenti, kienet jinzamm *stock* ta' merkanzija fl-imhazen minhabba li s-socjeta ntimata kienet taghmel modifiki wara li tkun ghamlet ordni. Kompla li meta ma kienx ikun possibli li jissodisfaw it-talbiet tas-socjeta ntimata minhabba l-ispecifikazzjonijiet tal-prodotti mitluba, kienu jiftehmu maghha rigward l-ahjar soluzzjoni.

Kompla illi meta l-prodott kien jigi inserit fil-magna l-ewwel kien isir *test* tal-kwalita biex jigu ivverifikati certi aspetti macro tal-prodott u imbaghad matul il-gurnata kienu jisru kontrolli ohra ripetutament fuq livell *micro* minn naha tal-laboratorju intern ghall-kontroll tal-kwalita. Il-prodotti kienu jigu kkonsenjati biss jekk il-laboratorju jkun ta l-approvazzjoni mill-lat ta' kwalita. Qal li s-socjeta rikorrenti qatt ma rcievet xi ilment fil-kwalita mis-socjeta ntimata.

**Ikkonsidrat;**

Peress li s-socjeta ntimata ressqet bhala eccezzjoni preliminari talba ghas-soprassesjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina din l-eccezzjoni.

Il-Qorti tosserva illi l-ebda wahda mill-partijiet ma ressqet xi sottomissjoni rigward din l-eccezzjoni. Huwa accettat f'gurisprudenza kopjuza u kostanti illi s-soprasessjoni tista’ b’mod eċċezzjonali tingħata meta s-smiegh ta’ żewġ kawżi fl-istess waqt ma jkunx jista’ jsir. Is-soprasessjoni hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama’ sakemm tiġi maqtugħa, ghalhekk trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.[1] Tant hu hekk illi l-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-eccezzjoni tas-soprasessjoni, u cioe li l-Qorti tieqaf milli tisma l-kawza bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt quddiem il-qrati li ghandhom l-istess mertu.[2]

Ghalhekk is-sorprassessjoni hija meqjusa fil-gurisprudenza bhala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.[3] Il-provvediment ta' soprassessjoni gie miqjus bhala alejatorju, b'mod illi, minhabba t-termini iebsin tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-smiegh tal-kawzi, jista' jwassal ghad-dezerzjoni tal-kawza mwaqqfa. Ghalhekk is-soprassesjoni ghandha tigi ordnata biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta’ xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf.[4] Gie ritenut b'mod kostanti wkoll illi l-Qorti m'ghandiex tordna s-soprasessjoni jekk id-dewmien ikun ser jikkawza pregudizzju lill-parti l-ohra.[5]

Illi minn studju ta' din il-gurisprudenza jirrizulta li s-socjeta ntimata kellha tressaq prova illi l-arbitragg msemmi minnha jista' jaghti lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawza. L-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija fis-sens illi gialadarba l-arbitragg jirrigwarda il-kontestazzjoni tal-Gvern rigward il-kwalita tal-prodotti illi hija kienet akkwistat minghand is-socjeta rikorrenti, allura dawn il-proceduri ghandhom jitwaqqfu sabiex jistennew l-ezitu tal-arbitragg.

1 **John Debono et vs Mario u Esmeralda konjugi Buhagiar et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Jannar 2016.

2 Vide per ezempju, **Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et** (sentenza in parte), Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Lulju 2015.

3 **John Debono et vs Mario u Esmeralda konjugi Buhagiar et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 21 ta' Jannar 2016.

4 *Ibid.*

5 **Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Ltd et ,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Marzu 2013; **Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et,** Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali deciza 17 ta' Frar 2015.

Il-Qorti tinnota pero illi minkejja li tressqet din l-eccezzjoni, **ma gew imressqa l-ebda provi in sostenn taghha**. In partikolari ma gewx prodotti l-atti ta' dan l-arbitragg sabiex ikun hemm prova cara u inekwivoka li l-arbitragg jitratta proprju kontestazzjoni tal-kwalita tal-prodotti forniti lil Gvern mis-socjeta ntimata, liema prodotti s-socjeta ntimata kienet akkwistat minghand is-socjeta rikorrenti.

Din l-prova hija krucjali ghal ezitu favorevoli tal-eccezzjoni tas-socjeta ntimata peress illi din il-Qorti tista' tordna s-soprasessjoni **biss** jekk jigi provat illi l-arbitragg msemmi mis-socjeta ntimata jaghti lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi din il-kawża.

Inoltre il-Qorti tosserva illi anke fl-ezistenza ta' ilment minn naha tal-Gvern illi l-prodotti m'humiex tal-kwalita pattwita, dak l-ilment ma jolqotx il-mertu ta' din il-kawza awtomatikament, ghaliex mhux neccessarjament ifisser illi l-prodotti ma kienux tal-kwalita pattwita bejn s-socjeta rikorrenti lis-socjeta ntimata. Il-mertu ta' din il-kawza huwa l-ftehim ta' bejn is-socjetajiet kontendenti u mhux ta' bejn is-socjeta ntimata u l-Gvern, u ghalhekk, ghalkemm id-decizjoni arbitrali tista' sservi bhala prova f'dawn il-proceduri, ma jidhirx illi necessarjament taghti lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependenti din il-kawza, kif inhu rikjest biex tkun tista' tigi ordnata s-soprasessjoni.

Finalment, huwa relevanti wkoll d-dewmien tal-proceduri arbitrali, li ilhom **pendenti mis-sena 2009**, u cioe ghal kwazi seba' snin. Il-Qorti tqis illi ma jkunx gust ghas-socjeta rikorrenti li tbati konsegwenza ta' dewmien fi proceduri li lanqas biss hi parti minnhom. Independentement mill-proceduri arbitrali pendenti, is-socjeta ntimata setghat tressaq prova f'dawn il-procedura rigward in-nuqqas ta' kwalita pattwita tal-prodotti mibjugha lilha mis-socjeta rikorrenti, u il-Qorti ma giet provduta b'ebda raguni mpellanti li tikkonvinciha li jkun ragionevoli li tistenna l-ezitu tal-proceduri arbitrali.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi m'hemmx lok biex tigi ordnata s-soprasessjoni f'dawn ic-cirkostanzi.

**Ikkonsidrat;**

Fil-mertu is-socjeta ntimata laqghat ghat-talbiet rikorrenti billi eccepiet illi il-konteggi ma kienux korretti peress illi ma jirriflettux l-iskont li kien miftiehem bejn is-socjetajiet kontendenti. Eccepiet ukoll illi l-fattura bin-numru EP9 m'ghandiex tigi mhallsa peress illi tirreferi ghal prodotti li gew mibghuta bhala *samples*.

Rigward il-fattura numru EP9, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija fondata, u dan in vista tal-email datata 17 ta' Mejju 2011 li jinsab a fol 41 tal-process mibghut minn Leonardo Ravanazza illi jaqra ***"Please let me know if it's OK for you and if you will pay at least a part of the cost of the transport (total is Eur 350.00) The samples will be free of charge."*** Permezz ta' email mibghut fl-istess gurnata (Fol 40), is-socjeta ntimata accettat li thallas parti mill-ispiza tat-trasport.

Mill-iskambju ta' komunikazzjoni ma jidhirx pero illi gie stabbilit kif kellu jigi maqsum din l-ispiza. Il-Qorti ghalhekk sejra tiddetermina arbitrio boni viri illi dan l-ammont ghandu jinqasam ugwalment bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti, u ghalhekk mill-fattura numru EP9 a fol 36, ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €175.

Rigward l-iskont msemmi mis-socjeta ntimata, jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti stess, illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien illi s-socjeta ntimata tgawdi minn zewg tipi ta' skontijiet:

1. 5% bhala skont kummercjali; u
2. 5% ghal hlas fil-hin.

Huwa car illi t-tieni skont, u cioe il-5% skont ghal hlas fil-hin ma jistghax jigi applikat minhabba t-tardivita tal-pagament minn naha tas-socjeta ntimata. Il-Qorti tqis li ghandu jigi applikat l-ewwel skont ta' 5% bhala skont kummercjali, gialadarba l-provi juru illi l-applikabilita ta' dan l-iskont ma kienetx tiddependi fuq l-imgieba tas-socjeta ntimata. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont reklamat ghandu jitnaqqas biex jiehu in konsiderazzjoni dan l-iskont.

L-ammont reklamat huwa ta' €250,685.14. Minn dan l-ammont ghandha titnaqqas is-somma ta' €175, kif spjegat aktar il-fuq, u ghalhekk l-ammont reklamat, minghajr l-iskont ghandu jkun ta' €250,510.14. Minn dan ghandu jitnaqqas l-iskont ta' 5%, fis-somma ta' €12,525.50. Ghalhekk l-ammont li jista jkun dovut lis-socjeta rikorrenti f'ezitu favorevoli ta' dawn il-proceduri huwa ta' **€237,984.64.**

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet ukoll illi l-merce kkonsenjata lilha mis-socjeta rikorrenti ma kienetx tal-kwalita pattwita. Is-socjeta ntimata ma tindikax liema mill-fatturi prodotti mis-socjeta rikorrenti jirreferu ghal prodotti li skontha ma kienux tal-kwalita pattwita u dan minkejja illi gew ezebiti tnax -il fattura (eskluz dik tal-prodotti bi prova).

Huwa accettat illi meta l-merce konsenjata ma tkunx tal-kwalita pattwita, dan jimporta inadempiment kontrattwali. Ghalhekk jinkombi fuq ix-xerrej, li jgib prova assikurattiva ta’ tali inadempiment. Jsegwi li jehtieglu jipprova illi kien hemm mankanza tal-kwalita`mweghda rizultanti minn xi ftehim espress jew ghall-anqas dedotta b’ mod implicitu.  Din il-prova ghandha tkun kardinali u dimostrattiva.[6]

Fil-proceduri odjerni, s-socjeta ntimata ma resqet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha. Fil-mori tal-kawza irrizulta li l-avukat difensur tas-socjeta ntimata kien tilef kuntatt maghha, u filfatt il-korrispondenza registrata li kien qed jibghatilha fl-indirizz maghruf minnu ma kienetx qed tigi notifikata. Ghalhekk l-avukat difensur ma kienx f'posizzjoni li jitutela id-difiza tas-socjeta ntimata, kagun l-agir tas-socjeta ntimata stess. In vista tan-nuqqas ta' interess tas-socjeta ntimata f'dawn il-proceduri, li lanqas biss resqet prova wahda sabiex isostni l-eccezzjonijiet taghha, il-Qorti m'ghandha ebda ghazla ohra hlief li tichad din l-eccezzjoni relattiva ghal kwalita tal-merce konsenjata mis-socjeta rikorrenti.

Inoltre, ma tirrizultax provata l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata li kien hemm ftehim li l-hlas tal-merce jibqa' pendenti sakemm ma jigix deciz l-appell, u dan kif jidher mill-ittra mibghuta mis-socjeta rikorrenti li tinsab ezebita a fol 63 tal-process.

---

6 **Dr. Christan Farrugia noe vs George Xuereb noe et,** Qorti tal-Appell Civili deciza 4 ta' Mejju 2005.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata, tilqa' t-tieni eccezzjoni, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohrajn kollha, u konsegwentement tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tas-socjeta rikorrenti, limitatament ghas-somma ta' €237,984.64, u ghalhekk tikkundana lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' **€237,984.64,** bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**